# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## Decizjoni Numru 2836

**Kaz Numru 3665/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Sandro Muscat (K.I. Nru. 0196276M)**

**u**

**Port Logistic Operation Ltd (C-42715)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 15 ta' Gunju, 2022**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Sandro Muscat fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar l-20 ta' Lulju 2018 fejn sostna li l-impjieg tieghu gie terminat minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi. Is-socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impjieg saret ghal raguni tajba u sufficjenti.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm hmistax-il seduta fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba cirkostanzi li zvilluppaw kagun tal-pandemija Covid-19 u limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Sandro Muscat li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assitenza ta' Dr. Andy Ellul u lejn l-ahhar seduti mill-Avv. Adreana Zammit.

Port Logistic Operation Ltd, li minn issa l-quddiem ser tissejjah s-socjeta' ntimata kienet irrapprezentata mis-Sur Lewis Baldacchino assistit minn Dr. Jan-Karl Farrugia.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat mas-socjeta' ntimata bhala *Coxswain* fuq bazi ndefinita nhar l-1 ta' Jannar 2008.

Nhar l-20 ta' Frar 2017, l-Appellant kien involut f'incident waqt li kien qed jaghmel xoghol ta' *conveyance.* Fejn waqt li kienet qed tigi mbragata valigga sabiex tkun mghobbija fuq il-vapur li ma' genbu kienet trakkata l-lanca, l-Appellant intlaqat mill-istess valigga u huwa spicca l-bahar maqbud bejn il-lanca li kien fuqha u l-vapur. In seguito ta' dan l-incident l-Appellant ghamel 4 gimghat barra mix-xoghol.

Fit-8 ta' Frar 2018 Lewis Baldacchino u l-Appellant iffirmaw dikjarazzjoni li huwa ma jaghmilx xoghol ta' *conveyance* la fil-granet *off* u anke meta huwa jkun *rest* u l-anqas matul is-sieghat tax-xoghol minhabba '*previous traumatic accident*' u dan mhux '*to challenge the company policy*'. Fuq talba ta' Baldacchino, l-Appellant kiseb certifikat mediku maghmul minn Dr. Joe Portelli Demajo fejn hemm indikat li kagun tal-incident tal-20/02/2017, l-Appellant kien zviluppa *phobia* konnessa ma' xoghol ta' '*offering supply vessels duties*', izda li kien fit li jaghmel '*piloting duties*' u doveri ohra ta' '*sea faring*' minghjar limitazzjonijiet jekk tali doveri jkunu ta' pilotagg.

Fid-9 t'April 2018 Gejtu Vella fl-inkarigu ta' medjatur stieden lill-Appellant sabiex fic-cirkostanzi joffri r-rizenja tieghu u jigi offrut ammont ta' flus, izda l-Appellant ma accettax.

Nhar l-10 t'April 2018, kien gie notifikat li kien ser jidher quddiem Bord ta' Dixxiplina fejn kien qed jigi mixli b'negligenza grossolana u li ma obdiex ordnjiet legittimi mghotija lilu u li f'diversi okkazjonijiet naqas milli jaghmel id-doveri tieghu bhal kumplament ta' shabu u li kien qed jigi sospiz mix-xoghol b'paga shiha. L-ewwel laqgha tal-Bord ta' Dixxiplina saret nhar it-23 t'April 2018 bic-*Chairman* ikun Gejtu Vella.

Il-Bord ma regax iltaqa' wara li Dr. Andy Ellul talab lill-*management* sabiex il-Bord ta' Dixxiplina ma jibqax presjedut minn Vella ghaliex ma kellhomx fiducja fih.

Nhar it-18 ta' Gunju 2018, permezz t'ittra, Lewis Baldacchino *Operations Manager* informa lill-Appellant li l-impjieg tieghu bhala *coxswain* kien qed jigi terminat bl-ahhar jum tax-xoghol ikun ikkunsidrat bhala l-15 ta' Gunju 2018.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Lewis Baldacchino** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jokkupa l-posizjoni ta' *Operations Manager*, kariga li ilu fiha sa minn Awwissu 2017. Huwa qal li lejn Novembru / Dicembru ta' l-istess sena kien gie deciz li jittiehdu mizuri sabiex fil-kumpanija tizdied il-flessibilita' fl-operat bil-ghan li jkun jista' jizdied ix-xoghol.
Fost dawn il-mizuri, kompla x-xhud kien li jekk jinqala' l-bzonn li ssir *conveyance*, jekk tali htiega tinqala waqt il-hin tax-xoghol din trid issir mill-haddiema prezenti izda jekk tali xoghol ikun irid isir wara l-hin tax-xoghol, haddiem jista' jaghzel li ma jaghmiliex. Dwar dan ix-xhud qal li kien sar ftehim mall-haddiema dwar il-hlas ghal min jaghmel dan ix-xoghol barra l-hin tax-xoghol, dan fis-sens li gie miftiehem li l-hlas ma jsirx a bazi ta' *overtime rates* izda jkun hemm hlas ta' somma fissa.
Ix-xhud kompla li minkejja li fil-kuntratt tax-xoghol, l-Appellant kellu li waqt il-hin tax-xoghol hu kien obbligat jaghmel *conveyance*, dan kien qed joggezzjona li jaghmlu. Huwa kompla li wara li tkellmu flimkien, l-Appellant kien spjegalu li huwa kien qed ibati minn trawma kagun t'incident li kellu fuq ix-xoghol. Ix-xhud spjega li dan l-incident riferut kien sehh qabel ma huwa (x-xhud) kien qabad jahdem mall-kumpanija. Ix-xhud kompla li f'din ic-cirkostanza kien talab lill-Appellant sabiex ifornih b'certifikazzjoni medika relatata mat-trawma msemmija minnu u dan sabiex tkun spekulata l-opportunita' li jtuh xoghol alternattiv.
Ix-xhud tenna li tali certifikazzjoni ma waslet qatt u kompla li fil-frattemp il-*management* biex jevita certu argumenti sakemm jigi meghlub dan *l-impasse* ma kienx qed jaghti xoghol ta' *conveyances* lill-Appellant izda jinqeda b'impjegati ohra. Ix-xhud kompla li minkejja li l-kumpanija kienet anke ntrigat lil Gejtu Vella bhala Medjatur sabiex din is-sitwazzjoni tigi normalizzata, qatt ma ntlahaq ftehim.
Ix-xhud qal li jaf li waqt seduta tal-medjazzjoni kienet saret xi offerta ta' flus lill-Appellant, pero' meta din saret huwa ma kienx prezenti ghaliex kien intalab johrog mill-Medjatur. Ix-xhud qal li waqt dawn is-seduti u propju f'seduta li kien prezenti kien qabad jiehu l-kaz f'idu Dr. Andy Ellul, u fejn l-appellant kien ipprezenta certifikat mediku mahrug minn *GP*.
Ix-xhud sahaq li meta huwa kien talab certifikazzjoni, kien sahaq li din ghandha tkun minn konsulent u mhux minn *GP*. Ix-xhud tenna li anke waqt il-medjazzjoni kienu talbu lill-Appellant sabiex igib certifikazzjoni minghand konsulent, izda r-rejazzjoni tieghu (tal-Appellant) kienet li 'la qal iva u l-anqas le'.
Huwa qal li meta baqa' ma ntlahaqx ftehim, il-kumpanija ddecidiet li l-appellant jintemmlu l-impjieg.
Meta kontro-ezaminat, ix-xhud qal li wara li kienu saru xi sitt attentati sabiex tigi maqbula data fejn seta' jkun kondott il-Bord ta' Dixxiplina fil-konfront tal-Appellant,

liema attentati ta' dati ma kienux konvenjenti ghall-avukat li kien qed jassisti lill-Appellant, il-kumpanija ddecidiet li ttemm l-impjieg ta' l-istess Appellant. Dan ghaliex skond ix-xhud, il-kumpanija kienet qed tqies li l-process ta' dixxiplina kien qed ikun prokrastinat min-naha tal-Appellant. Ix-xhud ikkonferma li d-data tat-temm tal-impjieg tal-Appellant kienet l-istess data li fiha l-Avv. Ellul li kien qed jassisti lill-Appellant f'dawn il-proceduri ta' dixxiplina, kien informa lill-kumpanija li ma kellux fiducja fis-Sur Gejtu Vella bhala
*Chairperson* tal-Bord ta' Dixxiplina. Ix-xhud sahaq li qabel ittiehdet id-decizjoni li l-impjieg tal-Appellant ikun mitmum, il-kumpanija qatt ma kellha hsieb li tali mpjieg ikun mitmum.
Meta waqt il-kontro ezami, x-xhud gie muri ittra, huwa qal li kien jaf biha tant li kien iffirmaha hu stess ghan-nom tal-Kaptan Noel Galea.
Ix-xhud tenna li fil-fajl personali tal-Appellant ma jidhirx li meta huwa kien gie ngaggat mall-kumpanija bhala mpjegat kien gie ffirmat xi kuntratt tax-xoghol.
Ix-xhud qal li fl-2016 kien intlahaq ftehim dwar kundizzjonijiet tax-xoghol fejn dan gie ffirmat minn erbatax-il *coxswain* mill-*compliment* ta' sittax.
Fost it-tnejn li ma ffirmawhx l-Appellant kien wiehed minnhom, l-iehor kien Reuben Bugeja. Huwa tenna li l-Appellant kien konxju mill-kontenut ta' dan il-ftehim. Ix-xhud sahaq li minkejja li l-Appellant ma kienx iffirma dan il-kuntratt / ftehim, huwa xorta wahda kien gawda mill-pagi u l-beneficcji li kien jikkomprendi tali ftehim.

**Gejtu Vella** beda billi qal li huwa kien jaf li bejn l-Appellant u s-Socjeta' ntimata kien hemm kwistjoni dwar it-terminazzjoni tal-impjieg.
Huwa qal li wara li sehhet tali terminazzjoni huwa kien gie msejjah mis-Socjeta' jaghmilha ta' Medjatur sabiex ikunu ventilati possibilitajiet ta' ftehim li seta' jkun hemm *re-instatement* f'xi opportunita' ohra, *down-grading* u jew kumpens finanzjarju. Huwa qal li l-Appellant kien attenda ghal tlett sessjonijiet ta' medjazzjoni izda wara ma attendiex aktar, u dan fuq struzzjonijiet tar-rapprezentant tieghu Dr. Andy Ellul, minkejja li kien talbu jattendi bil-miktub.
Ix-xhud qal li fl-ambitu ta' tali medjazzjoni huwa kien ha l-inizzjattiva li jghid lill-Appellant li l-kumpanija kienet lesta li toffrilu €2000 jekk jitlaq bil-kwiet.

Huwa qal li wara li min-naha tal-Appellant kien gie espress li ma kellhomx fiducja fih, laqghat aktar ma sarux.
Ix-xhud spjega li fil-frattemp li kienet giet inizjalata l-medjazzjoni, huwa nhatar *Chairman* tal-Bord ta' Dixxiplina li quddiemu kien ser jitressaq l-istess Appellant.
Ix-xhud qal li malli huwa gie konxju li min-naha tal-Appellant kienu rregistraw mall-kumpanija li ma kellhomx fiducja fih, huwa nforma lill-kumpanija li ma kienx ser jibqa' jservi f'dan il-Bord ta' Dixxiplina.

**Joseph Saliba** rapprezentant tal-JobsPlus ipprezenta kopji tal-*Employment Histoy* u tar-*Registration History* li kienu jappartjenu lill-Appellant. Huwa spjega li skond dawn

id-dokumenti l-Appellant hadem mas-Socjeta' ntimata bejn Gunju 2014 u April 2019. Ix-xhud qal li minn dik id-data ma hadimx aktar u l-anqas ma rregistra fuq *Part 1* tar-registru ma' l-istess Jobsplus bhala disimpjegat ifittex ix-xoghol.

**Dr. Joe Portelli Demajo** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa tabib u li l-Appellant kien pazjent tieghu fuq medda ta' xhur. Huwa qal li dan kien fil-kuntest ta' l-impressjoni li ghandu li l-Appellant kellu *issue* mall-*Employer* tieghu ghax dan kien talbu jaghmel xi xoghol li hu kien temporanjament qed jirrifjuta li jaghmel minhabba esperjenza li kellu fuq ix-xoghol fejn waqt it-twettiq tad-doveri tieghu kien waqa' l-bahar meta kien gie biex jitla' fuq vapur permezz ta' skala mdendla. Ix-xhud ta spjegazzjoni dettaljata ta' dak li kien qallu l-Appellant dwar x'sehh f'dak l-incident, fejn f'bahar imqalleb l-Appellant kien waqa' l-bahar u gie maqbud bejn il-bastiment u l-lanca li kien fuqha qabel waqa'. Ix-xhud kompla li wara dan l-episodju, l-Appellant kien talbu johroglu certifikat sabiex ghal issa dan ix-xoghol ma jibqax jaghmlu sakemm jirkupra mit-trawma.
Ix-xhud tenna li kien tah parir sabiex sakemm jirkupra minn din it-trawma ma jibqax jaghmel dan ix-xoghol li jkun jehtieglu li jitla' fuq vapuri. Huwa tenna li sa fejn jaf hu l-*Employers* ma haduhiex kif xtaqu u nbeda l-process biex jitterminawlu l-impjieg.
Huwa ddikjara illi l-Appellant huwa kapaci jsuq it-*tug boat* u kapaci jsuq opra tal-bahar imma m'huwiex kompetenti jew inkella jibza' illi jkun inkarigat igorr xi affarijiet minn fuq id-dghajsa ghal vapur dina tissogralu sahhtu jew hajtu u allura din il-bicca xoghol huwa emozjonalment jew psikologikament impediet milli jaghmlu.
Ix-xhud qal li matul il-perjodu li kien pazjent tieghu, l-Appellant kien fuq *medication* fejn allura certu xoghol ma setax jaghmlu. Ix-xhud qal li jiftakar li wara certu zmien kien qal lill-Appellant li seta' jidhol lura ghax-xoghol u jibda jsuq it-*tugboats* jew *supply vessel* izda ghal perjodu temporanju ma jitlax abbord, pero' ma jiftakarx jekk tali direzzjoni kienx ghamililu bil-miktub.
Huwa spjega li huwa kien iccertifika li l-Appellant kien '*fit to perform piloting duties and other sea ferry duties with no limitations as long as they are of piloting nature*'.
Huwa spjega li bl-esperjenza u l-hiliet tieghu, ddecieda li l-*phobia* tal-Appellant kienet limitata u specifika ghal fatt illi ma jissugrax jerga' jaqa' l-bahar waqt li qed inewwel dawn l-oggetti. Ix-xhud iddikjara li huwa ma kienx hass il-bzonn li jirrakkomanda lill-Appellant ghal xi psikoterapija, anzi enfasizza li kieku hass il-bzonn kien jibghatu zgur, ghaliex il-*phobia* kienet *unidirectional* u mhux in generali ghal affarijiet ohra.
Meta muri certifikat mahrug minnu datat 26 ta' Marzu 2018, ix-xhud ikkonferma dak li kien ghadu kif qal pero' wara dak ic-certifikat minkejja li kien gie ghandu fuq affarijiet ohrajn huwa (l-Appellant) ma talbux jghid li issa kien tajjeb. Ix-xhud spjega li meta hareg ic-certifikat ta' Awwissu 2018 ma kienx qed jindika li l-perjodu temporanju riferut kien ifisser ghal dejjem.
Dr. Portelli Demajo ghalaq billi qal li l-biza' tal-Appellant hija psikologika bhal min jibza' mill-brimb, u jekk huwa psikologikament deciz illi certu xoghol ma jaghmlux ghax jibza', huwa (x-xhud) ma jarax il-possibilita' illi jibdel l-attitudni tieghu bil-medicina.

**Jesmond Mifsud** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa *Chief Pilot* mas-socjeta' ntimata, kariga li ilu jokkupa sa mill-2003. Huwa stqarr li ilu jaf lill-Appellant sa minn meta kien jahdem maghhom. Huwa qal li fl-2013 kienet saret laqgha mall-GWU fejn fiha kien gie maqbul ftehim / kuntratt li kien ikopri *Coxswains* u li l-Appellant kien wiehed minnhom. F'dak iz-zmien dawn il-*coxswains* kienu talbu sabiex ma jibqghux jitqiesu bhala *self-employed* izda jkunu kkunsidarati bhala mpjegati propja u dan kif stiplulat mil-ligi. Ix-xhud qal li dan il-ftehim / kuntratt ma kienx gie accettat mill-*coxswains* kollha, fejn kien hemm xi whud minnhom li minhabba ragunijiet varji riedu li jibqghu bhala *self-employed*.
Huwa kompla li wara tahdidiet ohrajn ma' dawk li ma kienx ghogobhom il-ftehim / kuntratt li kien intlahaq ma' Jeremy tal-GWU, kien gie maqbul ftehim / kuntratt iehor u li dwaru kien qabel kullhadd.

**Sandro Muscat,** l-Appellant beda billi qal li beda jahdem mall-kumpanija *Port Logistics Operations* bhala *coxswain*, fil-bidu fuq bazi *P/T* u wara qaleb *F/T*. Huwa spjega li fil-bidu kien jaghmel xoghol ta' pilotagg u wara bdew jaghmlu wkoll xoghol ta' *conveyances*. Huwa kompla li darba minnhom huwa kien gie ordnat jaghmel xoghol ta' *conveyance* fuq lanca li fil-fehma tieghu ma kienetx addattata u dwar dan kien informa lis-Superjur tieghu James Spiteri, izda dan min-naha tieghu nsista li x-xoghol kellu jsir kif ordnat.
Huwa rrakkonta kif waqt li kien qed jigi mbragat ix-xoghol sabiex jittella' fuq il-bastiment, sehh incident fejn huwa spicca waqa' l-bahar.

Huwa stqarr li wara li kien mar lura l-bazi, minkejja li l-*Management* kien mgharraf bl-incident hadd minnhom ma ndenja jistaqsih kif kien. Huwa kompla li ftit tal-hin wara li kien wasal fuq l-art, kien kellem lill-*Manager* James Spiteri, fejn spjegalu x'kien sehh. Huwa kompla li dakinhar tal-incident filghaxija kien cempel lil Spiteri fejn infurmah li l-ghada ma kienx ser jidhol xoghol. Huwa kompla li l-ghada kien invistah it-tabib tal-kumpanija li min-naha tieghu qallu li ma kellu xejn u li seta' jmur lura ghax-xoghol, izda huwa ma dahalx ghaliex kien mugugh. Huwa tenna li kien cempel lill-kumpanija fejn infurmahom li hu ma kienx ser jidhol xoghol
minhabba li kien mugugh.
Huwa sostna li huwa kien jibghat lill-*management* ic-certifikati li kien jaghmel tat-tabib privat tieghu u fejn kien cempillu Noel Galea li kien *pilot* rapprezentant fuq il-Bord tal-Koperattiva fejn kien qallu li meta jkun komdu jidhol lura ghax-xoghol. Ix-xhud qal li huwa kien dahal lura ghax-xoghol wara 4 gimghat.
Huwa kompla li meta kien dahal lura ghax-xoghol kien tkellem ma' James Spiteri fejn spjegalu li minhabba t-trawma li kien ghaddej minnha ghalissa ma kienx ser jibqa' jaghmel xoghol ta' *conveyances* izda jaghmel ix-xoghol normali ta' pilotagg. Ix-xhud kompla li wara li kien spicca Spiteri minfloku kien dahal is-Sur Louis Baldacchino fejn kien tkellem mieghu dwar dak li kien ghadda minnu fl-incident riferut u fejn dan kien

iffirmalu dokument li kien jindika li sakemm huwa (l-Appellant) ihossu komdu kien jaghmel xoghol ta' pilotagg minflok *conveyances*.
Ix-xhud qal li huwa baqa' jahdem u jaghmel biss xoghol relatat ma' pilotagg minghajr problemi ma' hadd sa sentejn wara l-incident. Huwa kompla li nhar id-9 t'April 2018 waqt li kien fuq *day duty* jaghmel xoghol ta' pilotagg fil-Freeport kien ircieva telefonata minghand Baldacchino li ried ikellmu.
Huwa kompla li malli wasal l-ufficcju, kien irrejalizza li mhux Baldacchino wahdu ried ikellmu tant li malli dahal fil-*Boardroom* sab ma' wiccu hames persuni, lil Noel Galea, lil Baldacchino, lil Terrence Micallef, lil Robert u lil Gejtu Vella.
Ix-xhud spjega li Vella kien pront staqsih x'kien gabu hemm u fejn dan wiegbu li kien is-Sur Baldacchino li kien cempillu li riedu jkellmuh. Meta rrisponda hekk, Vella qallu li minn dak li qalulu r-relazzjoni bejnu (l-Appellant) u bejn il-kumpanija ma kienetx tajba.
Ix-xhud kompla li lil Vella spjegalu li huwa la qatt ma kien gie ammonit jew ircieva xi warning dwar xi nuqqas u li r-relazzjoni tieghu mall-*Management* kienet wahda tajba tant li huwa kien ghadu kif kien qed jikkordina ma' Baldacchino sabiex jorgannizzaw *BBQ* halli bejn il-*management* u shabu jibbildjaw relazzjoni kif kienet qabel. Huwa qal li ghal dan id-diskors Gejtu Vella kien ser jaqbez bir-rabja tant li kien gie mcanfar minn Noel fejn qallu jieqaf halli jkompli jitkellem.

Ix-xhud qal li kien ftit tal-mumenti wara Vella kien qallu '…isma minni rrizenja bil-kwiet… u anke xi haga tal-flus naghtuk'. Ix-xhud stqarr li ghal dan huwa wiegeb '…ma tarax.'. Ix-xhud tenna li dan id-diskors intqal quddiem dawk kollha prezenti, fejn ftit tal-hin wara Gejtu Vella talabhom jirtiraw mill-kamra u baqghu fil-*Boardroom* hu u Vella, fejn huwa (Vella) baqa' jinsisti mieghu biex jirrizenja u fejn qallu '…ntuk somma flus u nispiccaw hawn'.
Ix-xhud sahaq li ghal din l-insistenza huwa kien qal lil Vella li minnu kien jippretendi li kien ser jaqbez ghalih ghax kien jafu bhala li jiggieled ghall- haddiema. Huwa qal li kien talbu spjegazzjoni ghalfejn kien qed igeghlu jirrizenja u joffrilu l-flus u nsista mieghu (ma' Vella) li ried ix-xoghol tieghu lura.
Ghal dan ix-xhud qal li Vella kien wiegbu '… All right, ha ninzel nghidilhom…ghax huma ma jridu jafu b'xejn.' Huwa tenna li Vella kien qallu li huma ma jridux hniena, mohhhom li jkeccuh.
Ix-xhud kompla li xi hin wara Vella tela' u kien akkumpanjat minn Robert fejn qallu '…isma minni rrizenja u s-somma jergghu jirdupjawielek'. Ix-xhud qal meta Vella kien wahdu kien offrielu tlett jew erba' xhur paga, voldieri kienu joffru sitta jew tmien xhur paga.
Ix-xhud qal li meta huwa ma accettax dak li kien qed jghidlu Vella, dan min-naha tieghu qallu '…mela x'qed tippretendi ?' Ix-xhud qal li f'dak il-mument huwa nforma lil Vella li ma kienx ser jibqa' jitkellem mieghu ghax kien ser jikkonsulta mall-avukat tieghu. Ix-xhud kompla li malli qal lil Vella li kien sejjer ikompli fuq xogholu l-

Freeport, dan qallu li huwa kien qed jigi sospiz mix-xoghol u kellu jghidlu hu (Vella) meta kellu jidhol xoghol.
Ix-xhud stqarr li dak il-hin la Vella u l-anqas Robert ma qalulu r-raguni ghalfejn kien qed jigi sospiz u ma tawh xejn bil-miktub. Huwa qal li Vella kien insista mieghu li ried risposta sa l-ghada f'nofsinhar.
Ix-xhud kompla li dakinhar stess filghaxija kien cempel lil Noel Galea fejn gharrfu li kien ghadu ma sabx avukat, u li dan min-naha tieghu rrispondih b'diskors arroganti u anke ccalingjah ghall-glied u jgib il-pampaluni li jaf, '…qalli ghax jien ma nibzax minnek.'.
Ix-xhud kompla li kien biss fl-20 t'April 2018 li kien ircieva ittra minghand Noel Galea fejn gharrfu li kien qed jigi mixli b'diversi nuqqasijiet relatati mad-doveri tieghu u li huwa kien qed jigi sospiz on *full pay*, u li malajr kellu jsir *disciplinary board meeting*, u li kellu jkun infurmat bid-data u l-hin.
Ix-xhud insista li qabel dik l-ittra huwa qatt ma kien gie ammonit jew xi hadd kellmu ghalfejn ma kienx qed jaghmel *conveyances*.
Ix-xhud qal li xi granet wara dik l-ittra bejn l-10 u t-23 t'April 2018 kienu attendew ghad-*disciplinary board*, fejn huwa kien akkumpanjat mill-Avv. Andy Ellul u prezenti kien hemm Louis Baldacchino bhala rapprezentant tal-kumpanija u Gejtu Vella bhala l-Bord tad-Dixxiplina.

Ix-xhud kompla li waqt il-process tal-Bord ta' Dixxiplina kienu nfurmaw lill-*Management* li minhabba l-atteggjament ostili min-naha ta' Vella ma kellhomx fiducja fih u talbu li l-bord ma jibqax kompost minn Gejtu Vella.
Ix-xhud qal li matul dan il-process huwa kien qed jigi akuzat b'nuqqasijiet fid-doveri tieghu pero' kull meta talab ghal dettalji / spjegazzjoni dawn qatt ma nghatawlu.
Ix-xhud qal li fit-18 ta' Gunju 2018 kien ircieva ittra ffirmata minn Louis Baldacchino fejn infurmah li l-impjieg tieghu kien qed jigi tterminat fil-15 ta' Gunju 2018.
Meta kontro-ezaminat Muscat stqarr li meta huwa kien ghadu ghaddej mit-trawma u kien tkellem mall-*Manager* James Spiteri li fil-mument ma kienx ihossu tajjeb li jaghmel *conveyances*, mill-*Management* hadd qatt ma talbu jgib xi tip ta' certifikat mediku dwar din is-sitwazzjoni. Huwa kkonferma dokument muri u li jgib il-firem tieghu u tas-Sur Baldacchino li jindika li huwa (Muscat) ma kienx dispost jaghmel *conveyances* fir-*rest* u fl-*off*. Ix-xhud insista li dak id-dokument kien ftehim.
Ix-xhud ikkonferma li fl-2017 kien sarlu dikjarazzjoni ta' sahha min-naha ta' Transport Malta fejn fiha kien hemm indikat li huwa ma kienx ibati minn xi kundizzjoni.

**Avv. Robert Vassallo** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jokkupa l-kariga ta' *Seior Manager Legal* mall-Awtorita' tat-Trasport. Huwa beda billi spjega s-servizzi abbinati kemm ma' *Pilotage* u ma' *Converyances.* Spjega li l-portijiet huma zoni *Compulsory Pilotage Port*.
L-Avv. Vassallo kompla li kull sena l-lanec jinhargilhom certifikat mill-Awtorita' bhala *renewal of registration*.

Huwa spjega li l-lanca Bravo 1 tista' ggorr sa 8 persuni, li wiehed jista' jkun il-*Pilot* u wkoll taghbija zghira bhal kaxxi u affarijiet ohrajn. Huwa qal ukoll li l-lanca riferuta ghandha l-*Commercial Vessel Certificate*.

**Dr. Danica Bonello Spiteri** bdiet ix-xhieda taghha billi spjegat li wahda mir-regoli ta' Transport Malta hija li tohrog certifikazzjoni li persuna tkun attrezzata tajjeb mil-lat mediku li taghmel dak it-tip ta' xoghol. Hija stqarret li hija persuna fi hdan TM li tiehu hsieb torganizza dan. Hija kompliet li *Part A* tal-formola timtela mill-applikant, u fejn ikollhom bzonn xi ghajnuna jew klarifika jistaqsu lilha. Kompliet li wara l-persuna tkun mistoqsija xi affarijiet fuq ix-xoghol li jaghmlu u wara jiffirmaw.
Hija spjegat li l-persuna gieli jimlew il-formola barra l-ufficcju taghha u gieli fil-presenza taghha meta jidhlu jarawha ghaliex ikunu hallew xi kaxxi vojta.
Hija kompliet li meta jidhlu hdejha tistaqsihom xi mistoqsijiet dwar jekk ibatux minn xi kundizzjoni li ma tkunx indikata fil-formola u fejn jindikaw xi haga relevanti hija tiddokumentaha jew jekk ikun hemm il-bzonn tirreferi lill-kumpanija.
Dr. Bonello Spiteri spjegat li *Part B* huwa l-ezami mediku fejn dettall bhal smiegh u vista jimlewh kollegi kwalifikati qabel mall-persuna tkun marret ghandha. Hija spjegat li fejn tidentifika xi haga abnormali bhal per ezempju ftuq zghir ma jfissirx li tinzamm il-licenzja, pero' jekk tkun xi haga serja hija tiehu azzjoni.
Meta murija certifikat iffirmat minnha li jirrigwardja l-Appellant datat 14/11/2017, hija stqarret li wara dik id-data lill-persuna ma ghamlet xejn aktar dwaru. Hija tenniet li kieku kien il-kaz hija kienet tirreferi lill-kumpanija. F'dan il-kaz partikolari mit-test tad-demm irrizulta li kellu l-folic acid baxx u rrikomandatlu jiehu supplements.
Meta mistoqsija jekk il-persuna tindika xi mard mentali, hija spjegat li jekk dan ikun kaz ta' ansjeta jew stress tittratta hi, izda jekk il-mard mentali jkun xi haga ikbar tirreferi ghand specjalista psikjatra biex jiehu l-kura adattata. Hija tenniet li f'kaz ta' phobia jew post traumatic stress disorder jrid ikun specjalista psikjatra li jsegwi.
Ix-xhud kompliet li l-mili tal-formola normalment idum bejn 10/20 minuta. Hija spjegat li l-parti mimlija minnha fejn hemm indikat li l-Appellant kien indikala fi *Question 40 'No'*, meta mistoqsi '*Do you feel healthy and fit to perform duties of your designation*', hija qalet li dan seta' kien xi zball fejn giet ittikkjata l-kaxxa hazina ghaliex, normalment meta jkun dak il-kaz hija tikteb ghaliex ikun irrisponda hekk.
Ix-xhud qalet li xi xahar ilu kienet baghtet *email* lill-kumpanija fejn infurmat li *Question 40* kellha tkun '*Yes*', ghaliex kieku kienet '*No*', hija kienet taghmel il-kummenti. Hija sahqet li fuq l-analizi li ghamlet fuq l-Appellant dakinhar tal-15 ta' Novembru 2017 hija ma hassetx li kellha taghmel kummenti.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Jan-Karl Farrugia** ghas-Socjeta' ntimata beda billi ghamel referenza ghall- incident li l-Appellant kellu fejn huwa kien waqa' l-bahar waqt *conveyance.*
Huwa kompla billi rrefera ghal diversi tahdidiet li damu madwar sena bejn l-Appellant u l-*management* tal-kumpanija anke bl-involviment 'bhala speci ta' medjatur

tas-Sur-Vella', biex forsi jintlahaq xi forma ta' arrangament. Dr. Farrugia accenna li l-arrangament dejjem fis-sens li l-Appellant jibqa' jahdem mas-socjeta', tahdidiet li mbaghad sfaxxaw.
Dr. Farrugia tenna li kieku l-Appellant kien qed isofri minn trawma kagun tal-incident mhux kien ikun hemm stennija ta' sena, 'Kieku konna naraw min huma l-psikjatri u l-ispecjalisti f'kull qasam' kompla Dr Farrugia. Huwa sahaq li dan qatt ma ntalab jew saret referenza anqas mit-tabib tal-Appellant, filwaqt li qal li kieku t-trawma giet stabbilita, zgur kien jinstab xoghol iehor lill-Appellant.

**Dr. Adreana Zammit** ghan-nom tal-Appellant bdiet billi tat rendikont ta' kif gie mpjegat l-Appellant u ghamlet referenza ghad-dikjarazzjoni ffirmata bejn l-Appellant u Louis Baldacchino u tat-talba li l-istess Baldacchino kien ghamel lill- Appellant sabiex jipproduci certifikat mediku relatat mat-trawma li huwa kellu kagun tal-incident.
Hija wara ghamlet referenza ghal medjazzjoni li wara saret process ta' dixxiplina,
Hija tenniet li l-fatt li ma tkomplietx il-medjazzjoni huwa car anke minn diversi xhieda li 'dan il-*job* ha jigi terminat whatever the outcome', fejn anke ghamlet referenza ghal dak li xehed Louis Baldacchino fejn sostna li huwa ma kienx imdahhal fl-istadju ta' medjazzjoni fejn kienet giet offruta somma flus ta' €2000 bhala *settlement* lill-Appellant, u staqsiet ghalfejn giet offruta tali somma flus.
Dr. Zammit sahqet li l-impjieg tal-Appellant intemmlu minghajr ma nstab hati ta' xi htija, fejn ikkwotat ix-xhieda ta' Louis Baldacchino fejn qal hekk.
Hija sostniet li sa mill-bidu tal-medjazzjoni l-impjieg tal-Appellant kien diga' terminat u kkwotat ix-xhieda ta' Gejtu Vella 'sejhuli (l-*management*) biex nipprova nsolvilhom problema….. u qaluli isma ghandna dan l-impjegat, is-Sur Sandro Muscat, itterminajnilu l-impjieg u qed nippruvaw naraw kif nistghu nghinnuh isolvi l-problemi li ghandu'.
Dr. Zammit ghamlet referenza ghax-xhieda ta' Dr. Portelli Demajo fejn min-naha tieghu qal li huwa kellu kommunikazzjoni regolari mall-Appellant bhala pazjent, fejn ikkonferma li fid-data li huwa kien iccertifika li l-Appellant kien qed ibati minn trawma hu (l-Appellant) kien ghadu taht il-kura tieghu.
Hija kkonkludiet li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant kienet ingusta ghaliex il-proceduri li suppost saru ma saru qatt u ma sarux sew, ma gewx konkluzi bl-ebda forma, imma meta talab li jkollu procedura gusta quddiem Bord ta' Dixxiplina qabdu u waqfu hemm u tterminaw l-impjieg.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellant kienetx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi. Dan ghamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan kif gew esposti mix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Minn dak li gie sponut waqt dan il-process, dan it-Tribunal jaghraf li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant hija nkwadrata mas-sitwazzjoni kif evolviet wara l-incident li l-Appellant kien involut fih waqt li kien qed jaghmel xoghol ta' *conveyance*, fejn huwa spicca l-bahar maqbud bejn il-lanca li kien qed jahdem fuqha u vapur li fuqu kienet qed tigi mghobbija valigga. Incident li kien sehh nhar fl-20 ta' Frar 2017.

Jaghraf ukoll li wara dan l-incident l-Appellant ma baqax jaghmel xoghol konness ma' *conveyances* u kien biss lejn Novembru - Dicembru 2017, fejn Lewis Baldacchino kien kellem lill-Appellant fejn talbu jipproduci certifikat mediku li huwa (l-Appellant) vera ghandu trawma.

Dan it-Tribunal jifhem illi sat-8 ta' Frar 2018, u cjoe' sa kwazi sena wara l-incident riferut il-*Management* kien konxju li l-Appellant kien qed isostni li kien qed isofri minn *phobia* fejn jidhol xoghol ta' *conveyances*. Tant li Lewis Baldacchino u l-Appellant iffirmaw dikjarazzjoni li huwa ma jaghmilx xoghol ta' *conveyance* la fil-granet *off* u anke meta huwa jkun *rest* u l-anqas matul is-sighat tax-xoghol minhabba '*previous traumatic accident*' u dan mhux '*to challenge the company policy*'.

Sa dakinhar tal-laqgha li saret bejn l-Appellant u Lewis Baldacchino, laqgha li wasslet sabiex giet iffirmata dik id-dikjarazzjoni datata 08/02/18, quddiem dan it-Tribunal ma ngibitx xi nformazzjoni li l-*management* kien qed iqies il-fatt li l-Appellant ma kienx qed jaghmel xoghol konness ma' *conveyances* bhala sitwazzjoni fejn kien qed jonqos minn dmiru, tant li f'dan ir-rigward fil-konfront tal-Appellant qatt ma gew inizjalati xi mizuri dixxiplinarji. Anzi l-istess Baldacchino fix-xhieda tieghu stqarr li tali xoghol ma tantx kien ikun hemm bzonnu waqt il-hin tax-xoghol, u li kienu jqabbdu nies apparti biex jaghmluh '*out of working hours*'.

Nhar id-9 t'April 2018, l-Appellant kien gie msejjah ghal-laqgha fejn prezenti flimkien ma' membri tal-*Management* kien hemm prezenti Gejtu Vella fl-inkarigu ta' Medjatur. F'din il-laqgha, (skond kif xehed Baldacchino) l-Appellant ipprezenta c-certifikat mediku ta' Dr. Portelli Demajo, u fejn Baldacchino stqarr 'ghidtlu u gib certifikat mediku, dan ic-certifikat huwa fil- capacity ta' *family doctor*'.

Fi stadju iehor ta' l-istess laqgha, Gejtu Vella wara li talab li jkun wahdu mall-Appellant stieden lill-Appellant sabiex fic-cirkostanzi joffri r-rizenja tieghu u jigi offrut ammont ta' €2000, izda l-Appellant ma accettax, u talab sabiex ikun assisstit minn avukat. Medjazzjoni li fil-fehma ta' Lewis Baldacchino 'ppruvajna ndahhlu medjatur…ma wasalnix lanqas'. Tant li l-ghada u cjoe' fl-10/04/18, l-Appellant kien gie notifikat li kien ser jidher quddiem Bord ta' Dixxiplina fejn kien qed jigi mixli b'negligenza grossolana u li ma obdiex ordnjiet legittimi mghotija lilu u li f'diversi okkazzjonijiet naqas milli jaghmel id-doveri tieghu bhal kumplament ta' shabu u li

kien qed jigi sospiz mix-xoghol b'paga shiha. Bl-ewwel laqgha tal-Bord tad-Dixxiplina issir fit-23 t'April 2018, liema Bord kien ukoll presjedut minn Gejtu Vella.

F'dan l-istadju dan it-Tribunal ma setax ma josservax il-mod stort mil-lat amministrattiv li bih gew kondotti l-affarijiet fl-istadju ta' medjazzjoni, fejn Gejtu Vella bhala Medjatur fix-xhieda tieghu stqarr li huwa kien gie msejjah mis-socjeta' ntimata fejn intqal lilu 'ghandna dan l-impjegat is-Sur Sandro Muscat…. Itterminajnilu l-impjieg u qed nippruvaw naraw kif nistghu nghinnuh insolvu l-problema li ghandu'. Imbghad wara l-istess Vella kkonduca l-Bord ta' Dixxiplina.

Dan ifisser, jistaqsi t-Tribunal, li d-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg (skond kif xehed Gejtu Vella) kienet diga' ttiehdet, qabel ma l-Appellant gie formalment mixli b'numru ta' akkuzi u anke qabel kien gie deciz li huwa kellu jitressaq quddiem Bord ta' Dixxiplina?

Il-Bord josserva ukoll b'certu xettizizmu l-fatt li mpjegat jigi mressaq quddiem Bord ta' Dixxiplina presjedut mill-istess persuna li ftit taz-zmien qabel ikun ippresieda medjazzjoni li falliet. Medjazzjoni li fiha mpjegat ikun gie mhajjar mill-istess Medjatur jaccetta li jirrizenja u jinghata somma flus. U di piu' Bord ta' Dixxiplina li qatt ma gie konkluz.

Tali xettizizmu jemani mhux biss mix-xhieda waqt il-process izda wkoll minn dak mistqarr minn Jesmond Mifsud f'dikjarazzjoni mehmuza mar-risposta tas-socjeta' ntimata fejn qal li 'kien propju s-Sur Vella li kien ghamel offerta vantaggjuza hafna lil Sandro Muscat sabiex tigi rizolta l-vertenza bonarjament'.

Dan it-Tribunal huwa konvint li t-terminazjoni tal-impjieg tal-Appellant sehhet ghaliex il-*management* ma kienx qed jemmen li l-Appellant kien qieghed ibati minn trawma. X'zamm lill-*Management* li kif kellu dritt jaghmel, jordna ezami mediku minn specjalista mqabbad minnu sabiex tkun stabbilita' l-verita', jistaqsi t-Tribunal?

Ghal dan it-Tribunal, l-iskattar tal-medjazzjoni u tal-proceduri dixxiplinarji kif definiti fl-ittra ta' Noel Galea datata 10 t'April 2018 kienu biss kamuffa ghal decizjoni li diga' kienet ittiehdet minn qabel.

Dan it-Tribunal jemmen bis-shih illi d-dritt tax-xoghol huwa sagrosant u ghandu jigi valorizzat kemm minn dak li jirrikjedieh u anke minn min jaghtih. U f'dan l-ambitu t-Tribunal jifhem li kumpanija ghandha dritt li thossha konvinta mill-imgieba tajba tal-impjegati taghha, u li dawn ikunu jgawdu l-fiducja shiha tas-sidien ta' l-istess kumpanija. Pero', jekk dan in-nuqqas ta' tali konvincement, ma jkunx korraborat b'xi akkuzi serji u fondati, m'ghandux ikun daqshekk komdu u relattivament irhis li jigi terminat impieg.

**Decizjoni**

Ta' min jirreleva li t-Tribunal irid jiddeciedi jekk ir-raguni tat-terminazzjoni ta' mpjieg tkunx tajba u sufficcjenti skond il-ligi u wara kollox li tkun tissodisfa l-gustizzja naturali.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant ma kienetx wahda gusta.

Fic-cirkostanzi, dan it-Tribunal iqis is-somma ta' €13,000 bhala kumpens gust, u jordna li tali kumpens ghandu jithallas lill-Appellanti mis-socjeta' ntimata, fi zmien erba' (4) gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Dan il-kumpens kien motivat minn konsiderazzjoni xierqa tal-fatt li l-Appellant hadem f'dan il-post tax-xoghol ghal madwar 10 sena, u li qed isibha difficli li jsib impjieg relatat mal-licenzji marittimi li ghandu, primarjament ghaliex huwa ndikat bhala persuna li tkecca minn fuq ix-xoghol b'dixxiplina u ghaliex vakanzi ta' xoghol f'dak il-qasam m'humiex hafna.

Dan it-Tribunal ha konjizzjoni wkoll tad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imh. Anthony Ellul fosthom Carmel Borg vs MPTSOL deciza nhar 8 ta' Marzu 2019 u Publius Davison vs De La Rue Currency & Security Printing deciza minn li stess fit-23 t'April 2018 fejn gie stabbilit li: 'Fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tal-Art 81(2) KAP 452, it-Tribunal ghandu diskrezzjoni, u fejn din trid tkun proporzjonata jew ragonevoli. Li l-Arbitru tat-Tribunal ghandu jkun wiehed boni viri bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell tal-bonus pater familias'.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**

**Charles Cassar**
**Chairman**